**23 ta' Frar, 1962**

**Imhallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Reverendu Padre Pio Compagno, O.C. ne.**

***versus***

**Saverio Bajada et.**

**Appell — Qorti ta' Ghawdex — Kompetenza — Valur — Digriet Interlokutorju — Art. 748(2), 51(1), 762 u 764 tal-Proċedura Ċivili.**

*Mid-deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Ghawdex jinghata appell lill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Taghha r-Reġina meta l-oġġett tal-pretensjoni, bla ma jitqiesu l-ispejjeż, jaqbeż il-valur jew is-somma ta' £100, jew ikun tali li ma jistghax jiġi stabbilit il-valur tieghu.*

*F'kawża fejn tintalab il-kundanna tal-konvenut biex jeżegwixxi ċertu xoghol, il-valur, ghalkemm inċert, hu determinabbli; u ma jidholx fil-każijiet li fihom il-liġi tassattivament issemmi liema huma l-każi ta' valur indeterminabbli; u huwa determinabbli bil-mezz ta' stima ta' perit fuq ordni tal-Ewwel Qorti kif mahsub fil-liġi. Sakemm ma tkunx saret dik l-istima ma tiġix radikata l-kompetenza tal-Qorti tal-Appell biex tiehu konjizzjoni tal-kawża deċiża mill-Qorti ta' Ghawdex.*

*U dan jghodd ukoll meta l-appell lill-Qorti tal-Maestà Taghha r-Reġina jsir minn digriet interlokutorju moghti mill-Qorti ta' Ghawdex, u mhux minn sentenza fuq il-meritu; ghaliex l-appell minn digriet interlokutorju huwa ta' kompetenza tal-istess Qorti li lilha jmiss l-appell kieku l-kawża kienet ġiet deċiża b'sentenza fil-meritu.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-konvenuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ghal Ghawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Superjuri Ċivili, li bih talbu li jiġu ammessi jippreżentaw in-nota tal-eċċezzjoni unita

mal-istess rikors u markata dokument "A", u dan peress illi fl-24 ta' Ottubru 1961 huma ġew notifikati biċ-ċitazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija u ma kienux ikkonformaw ruħhom mad-dispost tal-art. 158 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15:

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Diċembru 1961, li bih iddeċidiet billi laqgħet it-talba tar-rikorrenti, u rriżervat li tipprovdi fuq l-ispejjeż ta' dik il-proċedura fis-sentenza finali; wara li kkunsidrat;

Difett simili għandu jġib il-konsegwenza illi d-deċiżjoni tal-kawża ssir imperattiva bħalli kieku ċ-ċitati baqgħu kontumaċi, iżda hija dejjem salva għall-istess konvenuti l-fakoltà li jiddimostraw kawża ġusta għas-sodisfazzjon tal-Qorti, għad-difett tal-preżentazzjoni tan-nota tal-eċċezzjonijiet fit-terminu xieraq;

Fil-każ preżenti, il-konvenuti ddimostraw per mezz tax-xhieda tal-konvenut Saverio Bajada, tal-Avukat Dr. Francesco Masini, u tal-Prokuratur Legali Marcel Mizzi, li mhux biss huma (il-konvenuti) ikkonsultaw ruħhom mal-avukat tagħhom meta, żmien ilu, irċevew ittra uffiċjali fuq il-meritu tal-kawża tal-lum, iżda huma marru jfittxu l-istess avukat fi żmien utili meta rċevew il-preżenti ċitazzjoni. Ġara illi l-avukat tagħhom......;

Rat ir-rikors li bih l-attur appella lil din il-Qorti minn dak id-digriet, u talab li jiġi revokat, u konsegwentement jiġi ordnat li l-kawża tinbgħat lura lill-Ewwel Qorti biex tiġi trattata u deċiża fil-kontumaċja tal-konvenuti;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Fuq l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ta' din il-Qorti;

Biċ-ċitazzjoni tiegħu, l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenuti abużivament għamlu xi xogħolijiet fuq artijiet fil-pussess tagħhom b'mod li jimpedixxu illi l-ilma li jgħidulu "tas Saqqaja" jmur fuq artijiet tal-attur li għandhom

*id-dritt għal dak l-ilma, talab li l-konvenuti jkunu kundannati* jneħħu dawk ix-xogħolijiet fi żmien qasir li jiġi fissat mil-Qorti, u, fin-nuqqas, li hu (ċjoè l-attur) stess **ikun** aw-torizzat ineħħi dawk ix-xogħolijiet bi spejjeż tal-konvenuti;

Għall-finijiet tal-kompetenza fl-appell, il-valur **tat-tal**biet tal-attur, għad illi inċert, għandu jitqies "determinabbli". Kif ġie ritenut minn din il-Qorti fil-kawża "Padre Zammit vs. Galea". 26.10.1905 (Kollez. Vol. XIX, p. 165), u fil-kawża "Leonardini vs. Xuereb", 6.2.1950 (Kollez. *XXIV-I-21), il-kawżi li għandhom jitqiesu ta' valur inde*terminabbli huma enumerati fl-art. 748(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u dik l-enumerazzjoni hi tassattiva. Il-każ preżenti ma jidħolx fost dawk il-kawżi;

Fil-kawża "Padre Zammit vs. Galea" fuq imsemmija l-meritu kien analogu għal dak tal-kawża preżenti. Fiha, infatti, kien intalab illi l-konvenut jiġi kundannat ineħħi tieqa u bokkaport li l-attur ippretenda li kienu saru kontra *l-ftehim, u, jekk jonqos li jagħmel dan fiż-żmien mogħti* mill-Qorti, l-attur stess ikun awtorizzat jagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa bi spejjeż tal-konvenut. Din il-Qorti rriteniet illi l-valur kien determinabbli; infatti huwa ċar illi f'każijiet bħal dawn il-valur tad-domanda hu l-ispiża neċessarja biex ix-xogħolijiet jitneħħew;

Issa, skond l-art. 51(1) tal-Kodiċi fuq imsemmi, mid-deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Għawdex jingħata appell lil din il-Qorti meta l-oġġett tal-pretensjoni, bla ma jitqiesu l-ispejjeż, *jaqżeb il-valur jew is-somma ta' £100, jew ikun* tali li ma jistgħax jiġi stabbilit il-valur tiegħu;

Fil-każ preżenti ġa ntqal illi l-valur inċert seta jiġi stabbilit u dan bil-mod imsemmi fl-art. 762 tal-imsemmi Kodiċi, ċjoè permezz ta' stima ta' periti fuq ordni tal-Ewwel Qorti, kif maħsub fl-art. 764. Iżda din l-istima ma saretx, u għalhekk il-kompetenza ta' din il-Qorti ma tirriżultax radikata biex tieħu konjizzjoni tal-appell (ara ż-żewġ sentenzi ċitati);

Huwa veru illi fil-każ preżenti l-appell hu magħmul

minn digriet interlokutorju, u mhux minn sentenza fil-meritu; b'dan kollu, dak li fuq intqal jgħodd l-istess. Infatti, kif ġie ritenut minn din il-Qorti fil-kawża "Farrugia vs. Farrugia" 5.2.1936 (Kollez. Vol. XXIX-I-466), fejn l-appell ukoll kien jirrigwarda digriet interlokutorju, u fil-kawża "Portelli vs. Sultana" 15.12.1947 (Kollez. XXXIII-I-212), l-appell mid-digriet interlokutorju huwa ta' kompetenza tal-istess Qorti li lilha jmiss l-appell kieku l-kawża kienet ġiet deċiża fil-meritu. Għalhekk, anki għar-rigward tad-digriet appellat fil-każ preżenti, kien jeħtieġ li jirriżulta bil-mod rikjest mill-liġi, kif intqal fuq, illi s-sentenza fil-meritu kienet tkun appellabbli lil din il-Qorti;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi, "rebus sic stantibus", tilqa' l-eċċezzjoni tal-inkompetenza opposta mill-konvenuti u tiddikjara ruħha nkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-appell interpost mill-attur; bl-ispejjeż kontra l-appellant.